

- (ii) il-Qorti Ġenerali kellha tiegħi inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità inklużi fil-leġiżlazzjoni settorjali dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill Nru 91/414/KE, tal-15 ta' Lulju 1991, li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti <sup>(3)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE <sup>(4)</sup>; u
- (iii) il-Qorti Ġenerali wettaq żball billi ma ħaditx kont tan-neċessità li tinterpreta l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Aarhus b'mod konformi, safejn dan huwa possibbli, mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u mal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ ("il-Ftehim TRIPS").

<sup>(1)</sup> ĠU L 264, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331.

<sup>(3)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332.

<sup>(4)</sup> ĠU L 309, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-23 ta' Diċembru 2013 — Diageo Brands BV vs Simiramida-04 EOOD**

(Kawża C-681/13)

(2014/C 71/18)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Diageo Brands BV.

Konvenuta: Simiramida-04 EOOD.

**Domandi preliminari**

- (1) Għandu l-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001 <sup>(1)</sup> jiġi interpretat fis-sens li dan il-motiv ta' rifjut jirrigwarda wkoll il-każ li fih id-deċiżjoni tal-qorti tal-Istat Membru tal-orijini hija manifestament kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni u li l-imsemmi qorti rikonoxxiet dan?
- (2) (a) Għandu l-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li l-parti li tinwoka l-motiv ta' rifjut li jidher fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001, ma eżerċitat ebda rimedju ġudizzjarju għad-dispożizzjoni tagħha fl-Istat Membru tal-orijini tad-deċiżjoni, jipprekludi li hija tinwoka b'mod utli dan il-motiv ta' rifjut?

- (b) Jekk id-domanda 2(a) tingħata risposta affermativa, ir-risposta tkun differenti jekk l-eżerċizzju ta' rimedju ġudizzjarju fl-Istat Membru tal-orijini tad-deċiżjoni kien inutli, peress li għandu jiġi ammess li dan l-eżerċizzju ma kienx iwassal għal deċiżjoni differenti?

- (3) L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48 <sup>(2)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tirrigwarda wkoll l-ispejjeż li jsiru mill-partijiet fil-kuntest ta' talba għad-danni fi Stat Membru jekk it-talba u d-difiża jirrigwardaw l-allegata responsabbiltà tal-konvenuta minħabba sekwestri kawtelatorji u notifiċi magħmula bil-għan li jiżguraw l-osservanza tad-dritt ta' trade marks tagħha fi Stat Membru ieħor u li, f'dan ir-rigward, titqajjem il-kwistjoni tar-rikonoxximent fl-ewwel Stat Membru ta' deċiżjoni mogħtija mill-qorti tat-tieni Stat Membru?

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdiżzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fis-27 ta' Diċembru 2013 — X AB vs Skatterverket**

(Kawża C-686/13)

(2014/C 71/19)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

**Qorti tar-rinviju**

Högsta förvaltningsdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: X AB

Konvenut: Skatterverket

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 49 TFUE u l-Artikolu 63TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-Istati ta' residenza ta' impriża ma tippermettix lil din tnaqqas telf fil-kambju li huwa parti integrali minn telf kapitali fuq sehem li għandha f'kumpanija residenti fi Stat Membru ieħor, fejn l-Istat Membru ta' residenza tal-ewwel impriża japplika sistema li taħtha l-qligħ u t-telf kapitali fuq dawn l-ishma huma inklużi fil-kalkolu tal-bażi tat-taxxa?